# 70 Sena Vara Titulari 1949 -2019
## Hose' Borg



## "Dan ir-ritratt storiku juri wieħed mill-ewwel ritratti ppubblikati"

Tifkira Fotografa tal-Vara Titulari Ġużeppina f'Għeluq is-70 Sena mill-Miġja Tagħha fil-Kalkara. Din is-sena,f'għeluq is-70 sena mill-miġja tal-vara titulari,ġejt mitlub nikteb kelmtejn dwar din l-vara.

Ta' min nsemmu li qabel din l-vara,fil-Kalkara kien hawn tlett statwi oħra titulari ta' San Ġużepp.Waħda tad-ditta Etienne Puċċini fi Franza li saret fl-1898 u li baqgħet sservi sal-1923 sakemm saret l-istatwa ta' Wistin Camilleri fl-1924 li baqgħet sservi sakemm ġġarrfet bil-gwerra b'attakk mill-għadu fuq l-knisja nhar l-10 t'April tal-1942. Wara l-gwerra kienet tintuża statwa oħra li ġiet akkwistata mill-kappillan ta' dak ż-żmien Mons. Carmelo Xuereb, li rnexxielu jakkwista statwa mingħand l-ħabib tiegħu Emmanuel Vella mlaqqam Tas-Salt Fish).L-ewwel purċissjoni li saret b'din l-vara kienet tmexxiet mill-kapitlu ta' Bormla fl-1945 sakemm eventwalment ġiet din li hemm issa.Tajjeb nsemmu li riċentement din l-istatwa ferm sabiħa kienet nġabet fil-Kalkara kif ukoll li din l-istatwa llum preżentement tinsab fil-Qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Tarxien. Wieħed jistaqsi għax ma ingħatatx lill-parroċċa b'tifkira ta' meta ntużat bħala t-tielet statwa titulari? Għaliex min taha l-istatwa lil mużew xtaq li jagħtieha bil-patt u kundizzjoni li tibqa' hemm kif fil-fatt sar.



L-Ewwel Statwa Titulari



L-Istatwa ta' Qabel dik preżenti